IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.10.2005
KUMM(2005) 510 finali

2005/0212 (ACC)
2005/0213 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-KE wara n-negozjati fil-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-Unjoni Doganali, id-dispożizzjonijiet tal-GATT Artikolu XXIV.6 ġiegħlu lill-KE tidħol f'negozjati ma' pajjiżi terzi li għandhom drittijiet ta' negozju fi kwalunkwe mill-Membri ta' adeżjoni sabiex jaqblu ma' l-aġġustamenti kompensatorji jekk l-adozzjoni ta' l-iskema esterna ta' tariffa tal-KE tfisser żieda fit-tariffi lil hinn mil-livell li l-pajjiż ta' adeżjoni intrabat bihom fid-WTO, filwaqt li "tqis kif xieraq it-tnaqqis tad-dazji fuq l-istess linja tariffarja magħmula minn kostitwenti oħra ta' l-Unjoni Doganali mal-ħolqien ta' din l-Unjoni".

2. Fit-22 ta' Marzu 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994 (COM proposta 6792/04 WTO 34).

3. In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas tad-direttivi ta' negozju maħruġa mill-Kunsill.

4. Il-Kummissjoni nnegozjat mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozju b'rispett tat-tneħħija ta' konċessjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mat-tneħħija tal-kalendarji tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja tul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea.

5. In-negozjati wasslu għal Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri mar-Renju tat-Tajlandja.

6. Din il-proposta titlob lill-Kunsill japprova dan il-ftehim.

2005/0212 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' ċerti Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT ta' l-1994, tul l-adeżjonijiet mal-Komunità Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas tad-direttivi ta' negozju maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni temmet in-negozjati għal Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja. Dan il-ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja fir-rispett tat-tneħħija ta' konċessjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mat-tneħħija tal-kalendarji tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja tul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea; huwa minn hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni se tadotta r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ftehim skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni se tiġi megħjuna mill-Kumitat ta' Tmexxija għaċ-Ċereali mwaqqaf mill-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jew il-Kumitat relevanti mwaqqaf mill-Artikolu korrispondenti tar-Regolament għall-organizzazzjoni tas-suq komuni għall-prodott ikkonċernat.

2. L-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw fejn issir referenza għal dan il-paragrafu.

Il-perjodu previst mill-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Fuq temi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ser tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali mwaqqaf mill-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92.

4. L-Artikolu 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw meta ssir referenza għal dan il-paragrafu.

5. Il-perjodu previst mill-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill hu minn hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna(i) mogħtija s-setgħa tiffirma(jiffirmaw) il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

FTEHIM

Fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja.

rigward l-emenda tal-konċessjonijiet fil-Kalendarji tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u ir-Repubblika tas-Slovakkja tul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea.

Ittra mill-Komunitajiet Ewropej

Brussell,

Sinjur,

Wara l-bidu tan-negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u r-Renju tat-Tajlandja taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 għall-emenda ta' konċessjonijiet fil-kalendarji tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja tul l-adeżjoni tagħhom mal-KE, dan li ġej hu miftiehem bejn il-KE u r-Renju tat-Tajlandja sabiex jikkonkludu n-negozjati mibdija wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 lid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

Il-KE taqbel li ddaħħal il-konċessjonijiet li ġew inklużi fil-kalendarju tagħha ta' qabel tal-KE 15 fil-Kalendarju tat-territorju doganali tal-KE 25.

Il-KE taqbel li ddaħħal il-konċessjonijiet li jinstabu fl-Anness ta' dan il-Ftehim fil-Kalendarju għall-KE 25.

Ir-Renju tat-Tajlandja jaċċetta l-komponenti bażiċi ta' l-istrateġija tal-KE sabiex taġġusta l-obbligi tal-KE 15 u dawk tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja wara t-tkabbir riċenti tal-KE. kalkolu fuq bażi netta ta' l-impennji ta' esportazzjoni ; kalkolu fuq bażi netta tar-rati tat-tariffi ; u globalizzazzjoni ta' impennji domestiċi ta' appoġġ.

Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ fid-data meta l-KE u r-Renju tat-Tajlandja jkunu skambjaw ittri ta' ftehim, wara kunsiderazzjoni mill-partijiet fi qbil mal-proċeduri tagħhom stess. Il-KE ser tagħmel dak kollu li hu possibbli sabiex twaqqaf l-miżuri xierqa ta' implimentazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2006 u taħt l-ebda ċirkostanza wara l-1 ta' Lulju 2006.

F'isem il-Komunitajiet Ewropej

FTEHIM

F'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja

relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni għall-Komunitajiet Ewropej.

Ittra mir-Renju tat-Tajlandja

Bangkok,

Sinjur,

Qed issir referenza għall-ittra tiegħek li tgħid:

"Wara l-ftuħ tan-negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u r-Renju tat-Tajlandja (it-Tajlandja) taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT ta' l-1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' l-adeżjoni tagħhom għall-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u t-Tajlandja bil-għan li jiġu ffinalizzati n-negozjati li nfetħu wara n-notifika tal-KE fid-19 ta' Jannar 2004 għad-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT ta' l-1994

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tal-KE 15.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-KE 25 il-konċessjonijiet li jinsabu fl-Anness ta' dan il-ftehim.

It-Tajlandja taċċetta l-komponenti bażiċi ta' l-approċċ tal-KE biex ikunu aġġustati l-obbligi tal-KE-15 u dawk tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka wara t-tkabbir reċenti tal-KE: kalkolu fuq bażi netta ta' l-impenji ta' esportazzjoni; kalkolu fuq bażi netta ta' kwoti tariffarji; u l-aggregazzjoni ta' l-impenji nazzjonali ta' appoġġ.

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE u t-Tajlandja jkunu wettqu skambju ta' ittri ta' ftehim, wara l-kunsiderazzjoni tal-partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Il-KE għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni adattati qabel l-1 ta' Jannar 2006 u fl-ebda ċirkostanzi dan ma għandu jseħħ aktar tard mill-1 ta' Lulju 2006."

Għandi hawnhekk l-unur li nesprimi l-qbil tal-gvern tiegħi.

F'isem it-Tajlandja

Anness

16042070: kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,558 Tunnellata li 1,816-il Tunnellata minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati *erga omnes*, b'rata ta' kwota ta' 0%, minn rata ta' kwota ta' 24%.

16042050: kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,275 Tunnellata li 1,410 Tunnellati minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati *erga omnes*, b'rata ta' kwota ta' 0%, minn rata ta' kwota ta' 25%.

100610 (Ross għadu fil-ħliefa): kwota ġdida annwali (*erga omnes*) ta' 7 Tunnellati, bir-rata ta' kwota ta' 15%.

100610 (Ross bla ħliefa): kwota ġdida annwali (*erga omnes*) ta' 1,634 Tunnellata, bir-rata ta' kwota ta' 15%.

100630 (Ross nofsu midħun/midħun kollu): żieda fil-kwota annwali ta' 25,516-il Tunnellata (*erga omnes*) fil-kwota annwali tal-KE15 li hemm issa, bir-rata ta' kwota ta' 0%.

Allokazzjoni tal-pajjiż ta' 1,200 Tunnellata lir-Renju tat-Tajlandja li għandha tiġi integrata fil-kwota attwali tar-ross nofsu midħun/midħun kollu tal-KE15 li hemm issa, b'rata ta' kwota ta' 0%.

100610 (Ross imfarrak): żieda ta' 31,788 Tunnellata (*erga omnes*) fil-kwota annwali tal-KE15 li hemm issa, bir-rata ta' kwota ta' 0%.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA					DATA: 13/09/2005
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: Il-Kapitolu 10- Dazji ta' l-Agrikultura Il-Kapitolu 12- Dazji Doganali				KREDITI B 2005 10.37 M€
2.	TITLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar l-aġġustament kompensatorju kif ipprovdut fl-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.				
3.	BAŻI LEGALI: Artikolu 133 tat-Trattat				
4.	GĦANIJIET: Għall-ħarsien ta' l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994 għal dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir ta' l-Unjoni Doganali fl-1 ta'' Mejju 2004.				
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA'12-IL XAHAR (Miljuni ta' EUR)	EŻERĊIZZJU LI QIEGĦED ISEĦĦ 2005 (Miljuni ta' EUR)		EŻERĊIZZJU LI JMISS 2006 (Miljuni ta' EUR)
5.0	INFIQ - IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-KE(ĦLASIJIET LURA/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	-	-		-
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-KE (TAXXI/DAZJI DOGANALI) - NAZZJONALI	-	- 10,37 (1)		(1)
		[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]
5.0.1	INFIQ STMAT	-	-	-	-
5.1.1	DĦUL STMAT	(1)	(1)	(1)	(1)
5.2	IL-METODU TA' KALKOLU:				
6.0	JISTA' L-PROĠETT IKUN IFFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITLU RELEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?				M/A
6.1	JISTA' L-PROĠETT IKUN IFFINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT KURRENTI?				M/A
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				LE
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JIDDAĦĦLU F'BAĠITS TAL-ĠEJJIENI?				LE
OSSERVAZZJONIJIET:					

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Saret referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim mar-Renju tat-Tajlandja wara negozjati fil-qafas ta' l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

(2) Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill timplimenta Ftehim imdaħħal mill-Komunità.

2005/0213 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Ftehim konklużbejn il-KE wara n-negozjati fil-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87(1) stabbilixxa nomenklatura ta' l-oġġetti minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "In-Nomenklatura Magħquda", u stabbilita skond ir-rati konvenzjonali ta' dazji tat-Tariffa Komuni Doganali.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu XX/XXX/KE dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja, il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, il-Ftehim imsemmi qabel bl-għan li jikkonkludi n-negozjati mibdija skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqesu li m'għandhomx iżjed valur indikattiv, peress li l-konċessjonijiet ġew iddeterminati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM kif jeżistu fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Fejn ex kodiċi NM huma indikati, il-konċessjonijiet għandhom jiġu ddeterminati b'applikazzjoni tal-kodiċi NM u deskrizzjoni korrispondenti meħudha flimkien.

Anness 7 Kwoti tat-Tariffa tad-WTO li għandhom jinfetħu mill-aworitajiet kompetenti tal-Komunità (Kwalifika għal dawn il-kwoti hija suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet Komunitarji relevanti)		
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Termini u kundizzjonijiet oħra
Numru tat-tariffa tal-prodott 16042070	Kwota għal ħut preparat jew priżervat(ħlief sħiħ jew f'biċċiet): --- ta' tonn, *skipjack* jew ħut ieħor tal-*genus Euthynnus*	Kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,558 Tunnellata li 1,816-il Tunnellata minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati *erga omnes*, b'rata ta' kwota ta' 0%, minn rata ta' kwota ta' 24%.
Numru tat-tariffa tal-prodott 16042050	Kwota għal ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): --- ta' sardin, bonito, kavalli ta' l-ispeċi *Scomber scombrus* u *Scomber japonicus*, ħut ta' l-ispeċi *Orcynopsis unicolor*	Kwota ta' rata ta' tariffa annwali ġdida ta' 2,275 Tunnellata li 1,410 Tunnellati minnhom ser jiġu allokati lir-Renju tat-Tajlandja, bil-bqija jiġu applikati *erga omnes*, b'rata ta' kwota ta' 0%, minn rata ta' kwota ta' 25%.
Numru tat-tariffa tal-prodott 100610	Kwota għal ross għadu fil-ħliefa	Kwota ġdida annwali (*erga omnes*) ta' 7 Tunnellati, bir-rata ta' kwota ta' 15%.

Numru tat-tariffa tal-prodott 100620	Kwota għal ross bla ħliefa	Kwota ġdida annwali (*erga omnes*) ta' 1634 Tunnellata, bir-rata ta' kwota ta' 15%.
Numru tat-tariffa tal-prodott 100630	Kwota għal ross nofsu midħun jew midħun kollu	Żieda fil-kwota annwali ta' 25,516-il Tunnellata (*erga omnes*) fil-kwota li hemm issa tal-KE15, bir-rata ta' kwota ta' 0%. Allokazzjoni tal-pajjiż ta' 1,200 Tunnellata lir-Renju tat-Tajlandja għandha tiġi integrata fil-kwota attwali tar-ross nofsu midħun/midħun kollu tal-KE15, b'rata ta' kwota ta' 0%.
Numru tat-tariffa tal-prodott 100640	Kwota għal ross imfarrak	Żieda ta' 31,788 Tunnellata (*erga omnes*) fil-kwota annwali tal-KE15 li hemm issa, bir-rata ta' kwota ta' 0%.